**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Hermann Magro KI 744049M**

**Josephine sive Josette Magro KI 570148M**

**Nathalie Galea KI 663757M**

**Vs**

**Maria Carmela sive Carmen Galdes KI 682246M**

**Rikors Guramentat Numru: 21/17**

Illum 4 ta' Lulju 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors guramentat ta' Hermann Magro li jaqra hekk:

1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond numru 12, 'Josette', St Mary Street, Tarxien;
2. Illi dan il-fond gie mikri lill-intimata Galdes permezz ta' kuntratt datat 22 ta Ottubru 2014 (kopja annessa Dok HM2), versu kera ta' 300 euro fix-xahar pagabbli bil-quddiem, ghal sena mill-1 ta' Novembru 2014 tal-31 ta' Ottubru 2015 u li tista' tiggedded ghal sena ohra;
3. Illi l-kirja fil-fatt giet imgedda b'sena sal-31 ta' Ottubru 2016;
4. Illi f'nofs is-sena 2016, kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tal-intimata fil-kirja, fosthom;

a) L-intimata naqset milli thallas il-kera b'mod regolari u puntwali, tant li kellha diversi xhur arretrati, u dan minkejja li l-kera kellha tithallas kull xahar bil-quddiem skont klawsola (a) tal-ftehim.

b) L-intimata naqset milli thallas ghad-dawl u l-ilma b'mod regolari u puntwali, u dan minkejja li skont klawsola(b) tal-ftehim, id-dawl u ilma kellhom jithallsu kull xahar.

c) L-intimata kienet dahhlet terzi persuni jorqdu fil-fond mikri minghajr il-kunsens tal-mittenti, u dan in vjolazzjoni ta' klawsola c) tal-ftehim u tal-ligi.

5. Illi l-intimata giet infurmata b'dawn in-nuqqasijiet permezz ta' lttta datata 5 ta' Settembru 2016 (kopja annessa Dok HM3) u ittra legali datata 5 ta' Settembru (kopja annessa Dok HM4), fejn giet ukoll interpellata sabiex tizgombra mill-fond lokat u sabiex thallas dak dovut lill-mittenti.

6. Illi minkejja li l-intimata accettat li kellha tizgombra mill-fond u thallas dak dovut, u minkejja li l-mittenti taw diversi opportunijiet lill-intimata sabiex tivvaka mill-fond u thallas dak dovut b'mod amikevoli minghajr proceduri gudizzjarji, l-intimata baqghet inadempjenti.

7. Illi fil-frattemp oltre dak kollu suespost, il-ftehim ta' kera skada fil-31 ta' Ottubru 2016 minhabba d-dekors tat-terminu maqbul fi klawsola (a) tal-ftehim ta' kera.

8. Illi ghalhekk stante li l-intimata ghadha ma zgm$ratx mill-fond lokat, ai termini ta, klawsola (f) tal-ftehim ta' kera, hija obbligata thallas lill-mittenti s-somma ta' EUR 60 bhala kumpens ghal kull gurnata mill-1 ta' Novembru 2016 sa meta trodd ic-cwievet u l-pussess battal tal-fond lir-rikorrenti.

9. Illi ghalhekk il-mittenti baghtu l-ahhar awiz lill-intimata permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Frar 2017 (kopja annessa Dok HM5) sabiex tizgombra mill-fond lokat u thallas dak dovut minnha inkluz is-somma ta' EUR 60 ghal kull gurnata mi11-1 ta',Novembru 2016 sakemm tizgombra mill-fond, izda l-intimata ghadha inadempjenti u moruza.

10. Illi llum-il gurnata r-rikorrenti jiddikjaraw 1i hemm dovuti mill-intimata:

a) Arretrati ta’ kera ammontanti ghal EUR 450 ghal perjodi qabel l-1 ta' Novembru 2016.

b) Spejjez u kontijiet tad-dawl u ilma, u dan sakemm l-intimata tizgombra mill-fond.

c) L-ammont ta' EUR 60 ghal kull gurnata mill-l ta’ Novernbru 2016 sad-data li l-intimata trodd ic-cwievet u l-pussess battal tal-fond lir-rikorrenti.

11. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qieghdin jipprezentaw dawn il-proceduri sabiex jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord jiddikjara l-kirja terminata, jordna l-izgumbrament tal-intimata, jordna lill-intimata thallas l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma, u jordna lill-intimata thallas l-ammont ta' EUR 60 ghal kull gurnata mill-1 ta' Novernbru 2016 sad-data li l-intimata trodd ic-cwievet u l-pussess battal tal- fond lir-rikorrenti.

12. Illi sa fejn jafu ir-rikorrenti, l-intimata m'ghandhiex difiza x' jaghti kontra t-talbiet tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghdin jintavolaw dawn il-proceduri sommarji specjali ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kap 69.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jaqta' u jiddeciedi billi:

1. Jilqa' it-talbiet tar-rikorrenti minghajr ma jghaddi ghas-smigh tal-kawza, u dan ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Jiddikjara li l-kirja tal-fond 12, 'Josette', St Mary Street, Tarxien lill-intimata giet terminata.

3. Jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond 12, ‘Josette’, St Mary Street, Tarxien, u jordna lill-intimata sabiex tizgumbra mitl-fond u trodd l-pussess battal tal-fond, u dan fi zmien qasir u perentorju prefiss minn dan l-Onorabbli Bord.

4. Jiddikjara li l-intimata hija responsabbli sabiex thallas lir-rikorrenti l-arretrati ta' kera fuq il-fond 12, 'Josette', St Mary Street, Tarxien ammontanti ghal EUR 450 u jikkundanna l-intimata thallas l-istess ammont.

5. Jiddikjara li l-intimata hija responsabbli sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' EUR 60 ghal kull gurnata mill-1 ta' Novembru 2016 sad-data li l-intimata trodd ic-cwievet u l-pussess battal tal-fond lir-rikorrenti, u jikkundanna lill-intimata thallas l-istess ammont.

6. Jiddikjara li l-intimata hija responsabbli sabiex thallas l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma fuq il-fond 12, 'Josete', St Mary Street, Tarxien, u jordna u jikkundanna lill-intimata sabiex thallas l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma kollha sad-data li r-rikorrenti jinghataw lura l-pussess effettiv tal-fond.

Bl-ispejjez kontra l-intimata, inluzi tal-ittra ufficjali fl-istess ismijietipprezentata fil-15 ta' Frar 2017.

Ra li l-intimata giet debitamenta notifikat bir-rikors u bl-avviz ghas-smiegh u li ma dehritx ghas-seduta tal-20 ta' Gunju 2017 sabiex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti. Proprju f'din is-seduta r-rikorrenti ghazlu li ma jinsistux li l-procedura odjerna titkompla bil-procedura sommarja.

Sema' x-xhieda.

Ra li r-rikorrenti ddikjaraw provi maghluqa fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2017.

Ra li nonostante li l-intimata inghatat zmien sabiex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet taghha baqghet ma pprezentat xejn.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Mill-atti jirrizulta li permezz ta' skrittura datata 22 ta' Ottubru 2014[1] ir-rikorrenti, sidien tal-fond numru 12, 'Josette', St Mary Street, Tarxien, krew dan il-fond lill-intimata versu kera ta' €300 fix-xahar pagabbli bil-quddiem ghal zmien sena mill-1 ta' Novembru 2014 sal-31 ta' Ottubru 2015 li setghet tiggedded ghal sena ohra. Fil-fatt il-kirja ggedded ghal sena ohra.

Jirrizulta wkoll li permezz ta' ittra datata 5 ta' Settembru 2016[2] ir-rikorrent Hermann Magro ta ittra personalment lill-intimata li permezz taghha ittermina l-kirja minn dakinhar stess billi avza lill-intimata li hija kienet kisret uhud mill-obbligi assunti minnha fl-iskrittura ta' lokazzjoni senjatamament (i) kienet moruza fil-hlas tal-kera; (ii) accettat terzi persuni juzaw il-fond minghajr il-kunsens tas-sidien; u (iii) ma hallsitx is-servizzi tal-ilma u elettriku li sa dakinhar kien jammonta ghal €1150.65. Ghalhekk is-sidien tal-fond talbu lill-intimata c-cwievet u sabiex tivvaka l-fond minnufih. Tali ittra hija wkoll iffirmata mill-istess intimata li tikkonferma li rceviet tali ittra.

Intbgahtet ittra ohra indirizzata lill-intimata li wkoll iggib id-data tal-5 ta' Settembru 2016 din id-darba mibghuta mill-avukat tar-rikorrenti[3]. Din l-ittra kienet fuq l-istess binarju tal-ittra l-ohra. L-intimata inghatat sal-ahhar ta' Settembru 2016 biex tivvaka mill-fond.

Nonostante li l-intimata inghatat l-congedo mir-rikorrenti hija baqghet tirrisjedi fil-fond. Ir-rikorrenti sostnew li l-intimata accettat li tizgombra mill-fond izda ma zammitx kelmtha.

Fil-frattemp il-ftehim tal-kera skada fil-31 ta' Ottubru 2016 izda l-intimata baqghet ma hargitx mill-fond u zgur sal-ahhar seduta gie kkonfermat li hija kienet ghadha tghix fih.

Mill-atti jirrizulta wkoll li ntbghatet ittra ufficjali fil-15 ta' Frar 2017[4].

L-intimata nonostante li debitament notifikata baqghet ma dehritx u wisq anqas prezentat xi osservazzjoniiet taghha.

M'hemmx dubju fid-dawl ta' dawn il-provi prodotti li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jintlaqghu. Inkwantu ghal hames talba tar-rikorrenti jirrizulta li fil-ftehim ta' lokazzjoni kien gie miftiehem fi klawsola (f) tal-istess ftehim is-segwenti: *"At the termination of this lease agreement i.e on 31st October 2015*[5] *the lessee binds herself to hand over the keys of the apartment together with the vacant possession of the apartment. Failing that the lessee binds himself to pay sixty Euro (€60) per day until the day he/she hands over the keys and vacate the apartment."*

---

[1] Dok HM2 a fol 6 tal-process
[2] Dok HM3 a fol 9 tal-process
[3] Dok HM4 a fol 10 tal-process
[4] Dok HM5 a fol 11 tal-process
[5] Fil-kaz odjern billi l-kirja ggedded ghal sena ohra skont l-istess ftehim, id-data relevanti hija 31 ta' Ottubru 2016

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi :

1. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba invista li giet irtirata mir-rikorrenti.

2. Jiddikjara li l-kirja tal-fond 12, 'Josette', St Mary Street, Tarxien lill-intimata giet terminata.

3. Jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond 12, 'Josette', St Mary Street, Tarxien, u jordna lill-intimata sabiex tizgumbra mill-fond u trodd l-pussess battal tal-fond, u dan fi zmien perentorju ta' erbghin (40) jum.

4. Jiddikjara li l-intimata hija responsabbli sabiex thallas lir-rikorrenti l-arretrati ta' kera fuq il-fond 12, 'Josette', St Mary Street, Tarxien ammontanti ghal EUR 450 u jikkundanna l-intimata thallas l-istess ammont.

5. Jiddikjara li l-intimata hija responsabbli sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' EUR 60 ghal kull gurnata mill-1 ta' Novembru 2016 sad-data li l-intimata trodd ic-cwievet u l-pussess battal tal-fond lir-rikorrenti, u jikkundanna lill-intimata thallas l-istess ammont.

6. Jiddikjara li l-intimata hija responsabbli sabiex thallas l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma fuq il-fond 12, 'Josette', St Mary Street, Tarxien, u jordna u jikkundanna lill-intimata sabiex thallas l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma kollha sad-data li r-rikorrenti jinghataw lura l-pussess effettiv tal-fond.

Bl-ispejjez kif mitluba  a karigu tal-intimata.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**